# Mimlijin daqs bajda

## Inqas trabi u iktar xjuħ jikkaratterizzaw il-popolazzjoni Maltija li issa qabżet l-405,000. KURT SANSONE jirrapporta mill-iktar pajjiż iffullat fl-Unjoni Ewropea

**Kulħadd qed jgħix f'xulxin, u bir-raġun, għax bil-popolazzjoni tlaħħaq iktar minn 405,000 ruħ Malta hi l-iktar pajjiż iffullat fl-Unjoni Ewropea.**

Lanqas paragun mhemm mal-pajjiżi l-oħra fl-UE għax filwaqt li f'Malta jgħixu 1,283 persuna f'kull kilometru kwadru fit-tieni l-iktar pajjiż iffullat, l-Olanda, jgħixu madwar 400 persuna f'kull kilometru kwadru.

Biex niskopru Malta inqas iffullata rridu mmorru lura sew fiż-żmien. Ta' min wieħed jinnota li Malta kienet fl-istess stat li tinsab fih l-Olanda llum lura fl-1842 meta b'popolazzjoni ta' 114,499 kienu jgħixu 362 persuna f'kull kilometru kwadru f'dawn il-gżejjer.

Minn dakinhar lil hawn il-popolazzjoni żdiedet ġmielha anki jekk f'xi perjodi kien hemm ukoll tnaqqis minħabba ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi u dinjin li ħallew l-impatt fuq Malta u Għawdex. L-emigrazzjoni fis-Sittinijiet kienet tant qawwija li bejn l-1957 u l-1967 il-popolazzjoni naqset b'iktar minn 5,000.

L-aħħar ċifri ippubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika juru li sa l-aħħar ta' l-2006 f'Malta kien hawn jgħixu 405,577 persuna, bin-nisa jammontaw għal ftit aktar minn 50 fil-mija tal-popolazzjoni.



| Età tal-omm | Trabi |
|---|---|
| Inqas min 20 | 239 |
| 20-24 | 646 |
| 25-29 | 1,355 |
| 30-34 | 1,137 |
| 35-39 | 374 |
| 40-44 | 65 |
| 45-49 | 3 |
| Età mhux magħrufa | 8 |

**Anzjani u trabi**

Madankollu forsi l-ikbar sors ta' inkwiet għall-amministraturi tal-pajjiż hu l-fatt li l-popolazzjoni qed tixjiħ minħabba żewġ fatturi ewlenin.

L-anzjani tagħna llum qed jgħixu aktar bl-età medja li mistennija jgħixu n-nisa titla' għal 81 sena filwaqt li l-irġiel mistennija jgħixu sa 76 sena. Ħarsa lejn iċ-ċifri juruna li hawn kważi 81,000 persuna li għandhom 'il fuq minn 60 sena.

Dan ifisser li iktar ma jmur se jkun hemm pressjoni akbar fuq is-servizzi tas-saħħa tagħna u fuq il-finanzi tal-Gvern f'dak li għandu x'jaqsam ma' pensjonijiet.

Iżda jfisser ukoll suq ġdid għall-kummerċ. Il-flus li se jonfqu l-anzjani jkun ta' siwi kbir għax hawn jidħol għalihom għax dawn suq kbir. L-anzjani wkoll iridu jiddevertu, isiefru, jitgħalmu u jixtru oġġetti li jagħmlu l-ħajja iktar komda. Iktar ma jmur se jkunu pern importanti għall-ekonomija tal-pajjiż.

It-tieni sors ta' inkwiet, marbut intrinsikament ma' ta' l-ewwel, hu t-tnaqqis fit-twelidijiet.

Fuq medda ta' disa' snin mill-1997 lil hawn l-ammont ta' trabi li twieldu fis-sena naqas bi ftit inqas minn 1,000. Fl-2006 twieldu 3,885 tarbija li fissru żieda ta' 27 fuq is-sena ta' qabel iżda xorta hu ferm 'il bogħod mill-4,848 tarbija li twieldu fl-1997.

Dan il-fenomenu jfisser li 'l quddiem inqas ħaddiema se jkunu qed jagħmlu tajjeb b'xogħolhom għall-popolazzjoni ixjeħ u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li ssir riforma fil-penjonijiet.

Iżda ċ-ċifri jagħtu stampa oħra interessanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-maternità. Bil-kontra ta' dak li kien jiġri snin ilu, l-età medja tan-nisa li jinqabdu tqal hi bejn il-25 sena u l-34. Nisa f'din il-faxxa ta' età welldu 2,492 tarbija.

Madankollu fl-2006 kien hemm ukoll 239 tarbija li twieldu għand ommijiet taħt l-20 sena.

| Età | Popolazzjoni |
|---|---|
| 0-19 | 95,767 |
| 20-39 | 112,462 |
| 40-59 | 116,641 |
| 60-79 | 68,225 |
| 80- | 12,482 |

**Barranin**

Għal dawk li jibżgħu minn dik li suppost hi 'invażjoni' ta' l-immigranti tajjeb li jkunu jafu li jgħixu fostna hawn ftit iktar minn 13,000 barrani li b'xi mod jew ieħor integraw fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Dawn il-barranin jgħixu u jaħdmu hawnhekk mingħajr problema. Żgur li l-ftit mijiet Afrikani li jiġu fuq ċattra u li ħafna drabi jispiċċaw fostna bi żball mhux se joħolqu wisq differenza fil-miżien tal-popolazzjoni Maltija.

Pjuttost hawn min jargumenta, bħalma għamlet il-Kummissjoni Ewropea xi ftit tas-snin ilu f'rapport li analizza s-sitwazzjoni tal-pensjonijiet fl-Ewropa, li l-immigranti jistgħu jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' twelidijiet billi jkunu huma li bil-ħidma tagħhom isostnu l-popolazzjoni ixjeħ Ewropea.

Dan jista' jkun ukoll ta' benefiċċju għal Malta kif kien anki elenkat fl-ewwel abbozz ta' politika 'Pjan għal Riġenerazzjoni Ekonomika u Soċjali' mitbugħ mill-Partit Laburista fl-2004 (paġna 37) li biex is-suq tax-xogħol ikompli jikber ħalli jsostni popolazzjoni ixjeħ, iridu jittieħdu miżuri biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija u "kull immigrant ikun integrat fis-sistema soċjali u jħallas it-taxxi biex imantni l-bqija tas-soċjetà Maltija". Dan is-suġġeriment dwar l-immigranti ma jissemmix fil-verżjoni finali approvata mill-MLP.




**Żwiġijiet**

Fattur ieħor interessanti li jagħti indikazzjoni wkoll ta' kif qed tinbidel il-fibra soċjali huma ż-żwiġijiet. Anki jekk bejn wieħed u ieħor l-għadd ta' żwiġijiet fis-sena baqa' l-istess mill-1997 lil hawn, jidher li ż-żwiġijiet bir-rit tal-Knisja qed isiru inqas popolari.

Żwiġijiet ċivili fl-2006 ammontaw għal 33 fil-mija taż-żwiġijiet kollha.

Iżda dan ma jfissirx li l-Maltin qed isiru iktar sekulari għax jippreferu jiżżewġu biċ-ċivil għax fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet iż-żwiġijiet ċivili huma bejn Maltin u barranin jew barranin li jiddeċiedu li jiżżewġu hawn Malta. Donnu li koppja Maltija għadha tippreferi li tiżżewweġ bil-Knisja anki jekk dawn naqsu minn 2,048 fl-1997 għal 1,677 is-sena li għaddiet.

Madankollu ammont ikbar ta' żwiġijiet bejn Maltin u barranin hu indikazzjoni ta' soċjetà li mhux bilfors għadha marbuta mat-tradizzjoni. Is-soċjetà tassew qed tinbidel u ċ-ċifri demografiċi jagħtu sura konkreta lil dan it-tibdil.

B'familji iżgħar, b'individwi jiżżewġu iktar tard fil-ħajja, bl-anzjani jgħixu ferm iktar fit-tul u bit-twelid ta' inqas trabi Malta qed tiffaċċa l-istess sfidi ta' pajjiżi oħra fil-Punent. Wara kollox, anki jekk l-iżvilupp jilħaqna snin wara l-kontinent, Malta hi wkoll parti mid-dinja.

Għalli ġej in-Nazzjonijiet Uniti tipproġetta li fl-2050 il-popolazzjoni f'Malta se tkun laħqet l-428,000 persuna. Jekk illum qed inħossuna ffullati, aħseb u ara 43 sena oħra sakemm ma nkunux kabbarna l-art Maltija b'xi proġetti ta' riklamazzjoni mill-baħar.

## Twelid




## Imwiet




## Żwiġijiet

